II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1828

tas-7 ta' Ottubru 2021

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej bit-titolu "Stop (((5G))) — Stay Connected but Protected" ["Waqqfu l-(((5G))) — Nibqgħu Konnessi imma Protetti"] skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2021) 7293)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Talba għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Waqqfu l-(((5G))) - Nibqgħu Konnessi imma Protetti" ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fit-12 ta' Awwissu 2021.

(2) L-għanijiet tal-inizjattiva kif espressi mill-organizzaturi huma: "L-implimentazzjoni tal-5G qed tipperikola d-drittijiet tagħna għal ambjent b'saħħtu, għal-libertà u għall-privatezza. Nappellaw lill-Kummissjoni biex tipproponi leġiżlazzjoni li tipproteġi liċ-ċittadini u lill-ambjent minn dan it-theddid:

(a) Il-bnedmin, il-fawna u l-flora qed issirilhom ħsara mir-radjazzjoni. Il-limiti ta' esponiment attwali jipprovdu protezzjoni insuffiċjenti — speċjalment għal persuni vulnerabbli (bħat-tfal, in-nisa tqal, il-pazjenti, l-anzjani), l-annimali, l-insetti u l-pjanti dakkara — Adottaw regolamentazzjoni biex il-ħajjiet kollha jiġu protetti mill-frekwenza tar-radju u r-radjazzjoni tal-mikromewġ;

(b) Bil-5G l-ammont ta' tagħmir elettroniku konness, antenni u satelliti se jisplodi. Imbagħad ikun hemm konsum tal-enerġija insostenibbli, emissjonijiet ta' radjazzjoni, estrazzjoni u tniġġis dannużi, li se jipperikolaw il-bijodiversità u l-habitats naturali - Adottaw regolamentazzjoni aktar b'saħħitha biex l-ambjent jiġi protett mill-impatti kollha tal-5G u d-diġitalizzazzjoni.

(c) Il-5G jippermetti l-ġbir u s-sorveljanza massivi tad-*data* minn oġġetti konnessi. Dan se jżid ir-riskju taċ-ċiberkriminalità, l-iżvelar tad-*data*, is-serq, il-bejgħ mill-ġdid u l-użu ħażin tal-intelliġenza artifiċjali - Adottaw protezzjoni effettiva tad-*data* biex il-privatezza, is-sigurtà u l-libertà tagħna jkunu salvagwardjati".

(3) L-anness jipprovdi dettalji ulterjuri dwar is-suġġett u l-objettivi tal-inizjattiva, li jelenka 23 sejħa għal azzjoni, imsejħin "proposti li jridu jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni". Aktar informazzjoni dwar it-23 sejħa għal azzjoni hija pprovduta f'dokument ippreżentat bħala "abbozz ta' att legali". Il-grupp ta' organizzaturi pprovda wkoll traduzzjonijiet tal-objettivi f'għadd ta' lingwi tal-Unjoni bħala "informazzjoni addizzjonali".

[1] ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55.

(4) Fir-rigward tal-ewwel objettiv, l-inizjattiva telenka l-għaxar sejħiet għal azzjoni li ġejjin:

"1. Adottaw limiti ta' esponiment għall-kampi elettromanjetiċi tal-frekwenzi tar-radju (RF EMF) ibbażati fuq l-effetti bijoloġiċi u tas-saħħa kollha, mhux dawk relatati mat-temperatura biss, għall-protezzjoni tal-bnedmin u għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni;

2. Aġġornaw ir-Rakkomandazzjoni 1999/519/KE u d-Direttiva 2013/35/UE, li jenħtieġ li jiġu riveduti u rivalutati regolarment;

3. Ibbażaw ir-Rakkomandazzjoni 1999/519/KE u d-Direttiva 2013/35/UE dwar il-Post tax-Xogħol fuq l-aqwa data xjentifika disponibbli, bil-limiti jiġu stabbiliti għal dawk l-aktar protettivi minn fost il-linji gwida xjentifiċi u empiriċi kollha disponibbli;

4. Żguraw li linji gwida addizzjonali dwar l-esponiment isiru minn xjenzati li għandhom għarfien espert bijomediku u li huma liberi minn kunflitti ta' interess u aħtru bord ġdid jew jespandu l-attivitajiet tal-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti (SCHEER) biex jivvalutaw il-parametri bijoattivi tal-RF EMF;

5. Żguraw li l-ittestjar ta' apparati bla fili, antenni u t-tħaddim tagħhom jeżamina l-parametri bijoloġikament attivi kollha tal-RF EMF;

6. Issostitwixxu l-konnessjonijiet bla fili b'kejbils u dan agħmluh minnufih f'postijiet bħal sptarijiet, kindergartens, skejjel, djar tal-anzjani, u kull bini pubbliku;

7. Edukaw lill-pubbliku dwar il-perikli assoċjati mal-konnessjonijiet bla fili u kif l-esponiment jista' jiġi minimizzat (eż. bl-użu ta' kejbils);

8. Agħtu pariri lill-Istati Membri biex jipprovdu żoni ta' radjazzjoni baxxa/bla ebda radjazzjoni fil-muniċipalitajiet. Iddikjaraw ir-riżervi naturali u l-parks kollha bħala żoni ta' radjazzjoni baxxa/bla ebda radjazzjoni;

9. Sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-bijointegrità, itolbu l-kunsens infurmat taċ-ċittadini tal-UE qabel ma tesponuhom għall-RF EMF;

10. Abbażi tal-prinċipju ta' prekawzjoni, adottaw direttiva rigward il-limiti ta' esponiment għall-RF EMF għall-protezzjoni tal-fawna u l-flora."

(5) Fir-rigward tat-tieni objettiv, l-inizjattiva telenka t-tmien sejħiet għal azzjoni li ġejjin:

"11. Aġġornaw id-Direttiva 2011/92/UE biex tinkludi l-implimentazzjoni tal-5G u t-telekomunikazzjoni kollha bħala proġetti fl-Anness 1 [ta' dik id-Direttiva] biex jiġi żgurat li tali proġetti jkunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali jew għal monitoraġġ kif preskritt mid-Direttiva;

12. Naqqsu l-konsum massiv tal-elettriku kkawżat mit-teknoloġija tal-komunikazzjoni diġitali billi tingħata prijorità lis-soluzzjonijiet bil-fili u b'enerġija baxxa fil-pjan ta' azzjoni għall-Patt Ekoloġiku Ewropew;

13. Inkludu "Skart minn Tagħmir Elettriku u Elettroniku" (WEEE), prodotti ta' skart oħrajn, u l-impatti ambjentali tal-estrazzjoni għal minerali tal-art rari u metalli użati f'tagħmir elettroniku fil- "Pjan ta' azzjoni għal tniġġis żero";

14. Aġġornaw id-Direttiva 2009/125/KE li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (Direttiva dwar l-Ekodisinn), billi tistabbilixxi limiti stretti għall-iskart tar-riżorsi u tal-enerġija tat-tagħmir konness kollu inklużi l-antenni u s-satelliti;

15. Irrikonoxxu l-parametri bijoloġikament dannużi kollha tal-RF EMF bħala inkwinant u inkluduhom fil-politiki u d-direttivi rilevanti kollha tal-UE;

16. Inkludu l-monitoraġġ tal-parametri bijoloġiċi dannużi kollha tal-RF EMF fil- "Programmi ta' monitoraġġ ambjentali, l-Istrateġija għall-Bijodiversità 2030, il-miri tal-UE għar-restawrazzjoni tan-natura, id-Direttivi dwar il-Ħabitats u l-Għasafar u Natura 2000";

17. Sejħu għal moratorju immedjat fuq il-megakostellazzjoni tas-satelliti 5G madwar id-dinja sakemm jiġu solvuti l-effetti ambjentali negattivi;

18. Agħmlu l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali tal-proġetti spazjali kollha prijorità fi ħdan il-Politika Ewropea dwar l-Ispazju."

(6) Fir-rigward tat-tielet objettiv, l-inizjattiva tistabbilixxi l-ħames sejħiet għal azzjoni li ġejjin:

"19. Ibdew valutazzjoni tal-impatt tal-effetti tal-5G, inklużi oġġetti u korpi konnessi, fuq il-protezzjoni tad-*data* personali u evalwaw l-konformità mal-liġijiet attwali dwar il-protezzjoni tad-*data*;

20. Ipproteġu liċ-ċittadini miċ-ċiberkriminalità li qed tiżdied billi l-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* jiġi applikat għall-kollezzjoni permezz ta' tagħmir bla fili (bħal *data* medika u bankarja);

21. Żguraw li l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jissielet b'mod attiv u indipendenti kontra d-diskriminazzjoni u l-ksur tad-drittijiet diġitali;

22. Agħmlu mod li jkun meħtieġ il-kunsens espliċitu ta' kull ċittadin sabiex id-*data* tagħhom tkun soġġetta għal kwalunkwe proċedura awtomatizzata;

23. Organizzaw dibattiti pubbliċi dwar jekk għandhomx jew sa liema punt għandhom jiġu awtorizzati l-innovazzjonijiet diġitali, immexxija minn xjenzati b'għarfien espert bijomediku u li huma ħielsa minn kunflitti ta' interess: aħtru kumitat tal-etika ġdid jew espandu l-attivitajiet tal-GEE."

(7) Fir-rigward tas-sejħiet għal azzjoni biex jiġi implimentat l-ewwel objettiv tal-inizjattiva, li tiġi adottata "regolamentazzjoni biex il-ħajjiet kollha jiġu protetti mill-frekwenza tar-radju u r-radjazzjoni tal-mikromewġ", sa fejn uħud minn dawn għandhom l-għan li jintroduċu miżuri li jwasslu għat-titjib, b'mod partikolari, tal-ambjent tax-xogħol biex jiġu protetti s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tippreżenta proposta għal att legali skont l-Artikolu 153(2) tat-Trattat.

(8) Fir-rigward tas-sejħiet għal azzjoni biex jiġi implimentat l-ewwel objettiv tal-inizjattiva li tikkonċerna l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, kif stabbilit fid-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), id-Direttiva (UE) 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-Tagħmir tar-Radju ([3]) jew proposti bl-għan li jkun hemm regoli li jippermettu ttestjar aktar komplut ta' apparati u antenni bla fili, sa fejn dawn għandhom l-għan li jtejbu l-funzjonament tas-suq intern, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tippreżenta proposti għal atti legali abbażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat.

(9) L-inizjattiva titlob ukoll proposta biex il-"konnessjonijiet bla fili [jiġu sostitwiti] b'kejbils" fid-dawl tal-effetti dannużi għall-bnedmin tal-RFEMF. Sa fejn dik il-proposta għandha l-għan li jkun hemm miżuri ta' inċentiva maħsuba biex jipproteġu u jtejbu s-saħħa tal-bniedem, u miżuri li jikkonċernaw il-monitoraġġ, it-twissija bikrija ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa u l-ġlieda kontrih, bl-esklużjoni ta' miżuri biex jiġu armonizzati l-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tippreżenta proposti abbażi tal-Artikolu 168(5) tat-Trattat.

(10) Sa fejn xi wħud mis-sejħiet għal azzjoni biex jiġu implimentati l-ewwel żewġ inizjattivi għandhom l-għan li jippreservaw, jipproteġu u jtejbu l-kwalità tal-ambjent, jipproteġu s-saħħa tal-bniedem u l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tippreżenta proposta għal att legali abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-Trattat.

(11) Sa fejn waħda mis-sejħiet għal azzjoni biex jiġi implimentat it-tieni objettiv tal-inizjattiva titlob aġġornament tad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tippreżenta proposta għal att legali abbażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat.

(12) L-inizjattiva fiha ħames sejħiet għal azzjoni sabiex jinkiseb l-objettiv tat-tielet inizjattiva li tiġi adottata "protezzjoni effettiva tad-*data* biex il-privatezza, is-sigurtà u l-libertà tagħna jkunu salvagwardjati". Sa fejn dawk is-sejħiet għal azzjoni jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta proposti għal atti legali relatati mal-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, u mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u r-regoli relatati mal-moviment liberu ta' dik id-*data*, dawk il-proposti jistgħu jkunu bbażati fuq l-Artikolu 16(2) tat-Trattat.

([2]) Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

([3]) Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

([4]) Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

(13) Għal dawn ir-raġunijiet, l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa' manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.

(14) Din il-konklużjoni hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet fattwali u sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inklużi l-konformità mal-prinċipji ta' proporzjonalità u sussidjarjetà u l-kompatibilità mad-drittijiet fundamentali, jkunux issodisfati f'dan il-każ.

(15) Uħud mit-23 sejħa għal azzjoni, b'mod partikolari l-miżuri msemmijin fin-numri 4, 7, 12, 13, 17, 18 u 23, ma jitolbux lill-Kummissjoni tadotta proposta għal att legali tal-Unjoni iżda jidhru li huma anċillari jew preparatorji għal dawk li jitolbu proposti għal atti legali. Peress li l-Kummissjoni mhijiex mitluba tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni fir-rigward ta' ebda waħda minn dawk il-miżuri, dawn tal-aħħar ma jissodisfawx il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 6(3), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2019/788 biex jiġu rreġistrati bħala parti mis-suġġett tal-inizjattiva. Dawk il-miżuri għalhekk imorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Madankollu, jekk il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq li tadotta proposta għal att legali fl-oqsma koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva, tkun tista' tikkunsidra wkoll li tqis uħud minn dawk l-elementi fil-proposta tagħha.

(16) Il-grupp ta' organizzaturi pprovda evidenza xierqa li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament.

(17) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(18) Għalhekk, jenħtieġ li l-inizjattiva intitolata "Waqqfu l-(((5G))) - Nibqgħu Konnessi imma Protetti" tiġi rreġistrata.

(19) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati ma timplikax li l-Kummissjoni bl-ebda mod tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta' organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva intitolata "Waqqfu l-(((5G))) — Nibqgħu Konnessi imma Protetti" għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini bit-titolu "Waqqfu l-(((5G))) — Nibqgħu Konnessi imma Protetti", irrappreżentat mis-Sa Pernille SCHRIVER u s-Sa Elisabeth Birgit MADSEN li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Věra JOUROVÁ
Viċi President